# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2002

## Avviz numru : 20/2001GT(GM)

**Helen Grech**

**vs**

**Francis Grech**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bhala kumpens ta' ammont simili illi jiena kelli naghti u ghadni nhallas lill-mastrudaxxa Raymond Farrugia bhala hlas tal-bilanc ta' prezz ghall-kcina, u liema ammont inti kont obbligajt ruhek illi thallas skond il-kuntratt bonarju ta' separazzjoni, kif ukoll somma ohra ta' disgha u hamsin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm59.44) bhala hlas lili ta' somma ohra illi jiena kelli nhallas lill-Melita Cable u illi inti kont obbligajt ruhek ukoll illi taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez skond il-kuntratt ta' separazzjoni."**

**Ra r-risposta:**

**"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attrici.**

**Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni tal-attrici hija intempestiva peress illi hija qatt ma nterpellat lill-konvenut biex jaghmel xi pagament."**

**Billi jirrizulta hija dovuta s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) li l-konvenut obbliga ruhu li jhallas skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll disgha u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm59.44) li l-istess konvenut kien intrabat li jhallas lil martu biex jikkumpensaha ghal servizz li hallset ghall-Melita Cable;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ tlett mija u disgha u liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm309.44) flimkien mal-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament flimkien ma’ l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u d-dritt tal-avukat li assista lill-attrici a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**